MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 633/2004

**Kuehne & Nagel (Malta) Limited**

**Vs**

**Atlas Micro Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ disa’ mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm987.23c) rapprezentanti l-valur ta’ diversi servizzi u spejjez rezi mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u illi kien hemm *breach of contract* car u manifest da parti tas-socjeta’ attrici b’riserva ghal kull azzjoni legali ghad-danni u spejjez sofferti b’kagun ta’ l-agir tas-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Victor Callus.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li ghas-seduta tal-21 ta’ Frar, 2005 la dehret is-socjeta’ konvenuta u lanqas id-difensur taghha u ghalhekk ma pproducewx provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Raphael Fenech Adami ghas-socjeta’ attrici.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta ampjament illi kien hemm relazzjonijiet kummercjali regolari ta’ *freight forwarding* bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta. Meta r-relazzjoni spiccat kien baqa’ l-bilanc mitlub fil-kawza odjerna izda s-socjeta’ konvenuta rrifjutat li thallas tali bilanc. Mill-korrispondenza skambjata kien hemm allegazzjoni li l-konvenuti kellhom xi *claims* kontra s-socjeta’ attrici liema talba ma gietx accettata mill-atturi.

Il-konvenuti allegaw li kien hemm *double charging* izda fil-fatt din l-asserzjoni ma tirrizultax. It-tieni lment kien dwar xi konsenja li kienet iddestinata ghal Poland pero’ l-atturi waslu x-xoghol biss sa Hamburg u fil-fatt kien hemm konsapevolezza u ftehim f’dan is-sens, almenu hekk jghidu l-atturi.
It-tielet *complaint* kien dwar container li ntbaghat it-Turkija izda dwar dan il-*complaint* m’hemmx provi sufficjenti li b’xi mod iwaqqghu jew ixejnu t-talba attrici.

Illi t-talba attrici kif dedotta tirrizulta ppruvata u ma gewx prodotti provi sufficjenti li kien hemm xi *breach of contract* kif allegat mis-socjeta’ konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’

disa’ mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm987.23c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------